MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-22 ta' Ottubru, 2012

Rikors Numru. 476/2012

**AV**

**Vs**

**CV**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat tar-rikorrenti, li permezz tieghu ippremetta:

Illi l-partijiet izzewgu nhar it-tmienja ta’ April tas-sena elf disa mija u tmienja u disghin (08/04/1998);

Illi l-esponenti ssepara legalment minn ma’ martu permezz ta’ kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Elsa Cardona datat 22 ta’ Novembru tas-sena 2004 (Hawn anness u mmarkat bhala Dok. ‘A’) ;

Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom tifla K li llum ghandha tlettax-il sena ;

Illi peress li m'hemmx l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u li z-zwieg kien diga dikjarat legalment separat b'separazzjoni legali u issa ghaddew iktar minn erba' (4) snin mid-data tas-separazzjoni legali ;

Illi dwar il-manteniment l-esponenti ihallas lill-intimata skont Artikolu 4 tal-istess kuntratt ta' separazzjoni l-ammon ta' erbghin Lira Maltin (LM40) illum ekwivalenti ghal tlieta u disghin Ewro u ghoxrin centezmu (€93.20) fil-gimgha liema manteniment dejjem jithallas mill-esponenti ;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta ;

Talab in vista tas-suespost li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejnet il-partijiet a tenur tal-Artikolu 66 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Onorabbli Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex l-istess jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta tal-intimat, li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

1. Hija taqbel mal-fatti esposti mir-rikorrenti fir-rikors tieghu tad-29 ta' Awissu 2012; il-kontendenti infirdu personalment permezz ta' Att Pubbliku datat 22 ta' Novembru 2004 in atti tan-Nutar Dottor Elsa Cardona, ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghar-rikonciljazzjoni taghhom, u kif jidher minn klawsola numru erbgha (4) tal-

Att surriferit, ir-rikorrenti huwa obbligat jissoministra lill-istanti retta alimentari fis-somma ta’ EUR 93.17 fil-gimgha ghall-htigijiet ta’ binthom K;
2. Tenut kont ta’ dan, u tenut ukoll kont tad-dispost tal-Artikoli 66B, 66C u 66D (2), l-istanti taqbel mal-pronunzjament tad-divorzju, ossia l-hall taz-zwieg, bejn il-kontendenti celebrat fit-8 ta’ April 1998, purche’ jibqa mmutat l-obbligu tar-rikorrenti illi jissomministra retta alimentari kif fuq spjegat ai termini Att Pubbliku ta’ firda personali datat 22 ta’ Novembru 2004 in atti tan-Nutar Dottor Elsa Cardona;
3. In vista tal-premess, u partikolarment in vista tal-fatt illi kien ir-rikorrenti illi ghazel li jipprocedi kontra l-esponenti f’din l-istanza, hija ma ghandha tbati ebda spejjez gudizzjarji relattivi ghall-proceduri odjerni;

Rat id-digriet taghha tad-19 ta’ Settembru, 2012;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Semghet lill-intimata tixhed bil-gurament taghha;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-22 ta’ Novembru 2004 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi huwa dejjem hallas il-manteniment regolarment lill-intimata;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-

divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------